MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru. 662/2008

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit, Sp Keith Arnaud u Sp Anna Marie Micallef)
vs
Charles Debono, Iben Carmelo, imwieled Żejtun fis-26 ta' Diċembru, 1964, Karta ta' l-Identita numru 36665(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Ta' Xbiex, fit-23 ta' Lulju, 2008, għal ħabta tal-kwarta ta' fil-għodu (0015), ġewwa Plymouth Flats, fi Triq Testaferrata, kien kompliċi flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa, u ikkometta serq minn fuq il-persuna ta' James Edward Mercieca, liema serq kien aggravate bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi €232.94 u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li

fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati arresta, żamm jew issekwestra lil James Edward Mercieca;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli jsir, jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta' liema xorta tkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju nvolontarju jew offiża nvolontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara nvolontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda tal-imputat bil-ġurament.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-persuna hawn fuq indikata għal ħabta tal-kwarta ta' fil-għodu tat-23 ta' Lulju, 2008 kien mar f'appartament flimkien ma żewġ nisa. Hhuma kienu talbuh €20 għal kull waħda minnhom iżda meta raw il-kartiera tiegħu bil-flus ħadulu madwar €330 li qasmu bejniethom. Il-persuna pprotestat u qam ftit tal-istorbju. Minn karma adjaċenti ħareġ raġel li skont din il-persuna kellu sikkina f'idu u qallu biex joħroġ. Fil-fatt din il-persuna telqet mingħajr ebda protesta iżda baqgħet sejra dritt l-għassa ta' tas-Sliema.

Illi l-pulizija bidet tinvestiga dan il-każ. Fil-kors ta' din l-indaġini l-persuna hawn fuq imsemmija ntalbet tmur l-għassa ta' tas-Sliema u hemmhekk rat raġel li hi qalet li kienet l-persuna bis-sikkina. Saret 'identification parade' fejn din il-persuna reġgħet għarfet ir-raġel bis-sikkina. Hi

ndikat l-imputat bħala dak ir-raġel li kien fl-appartament taż-żewġ nisa.

Illi fil-kors ta’ din il-kawża l-persuna hawn fuq imsemmija xehdet li l-imputat kien dak ir-raġel li ħareġ għalih bis-sikkina.

Illi mill-provi prodotti xehdu ż-żewġ nisa in kwistjoni li qalu li l-imputat ma kienx fl-appartament iżda kien hemm raġel ieħor. Dan ir-raġel xehdu wkoll u ikkonferma li l-imputat ma kienx hemm f’dak il-lejl partikolari. Minbarra dan, xehdet it-tifla ta’ l-imputat u l-għarus tagħha li pprovdu alibi ulterjuri lill-imputat.

Illi jidher ċar li l-persuna hawn fuq imsemmija setgħet tfixklet f’dan l-inċident billi hu stess kien xehed u qal hekk: ‘I did not have a clear image of the person with the knife’. Fil-fatt, il-pulizija ħadet passi kriminali kontra ż-żewġ nisa u ir-raġel li effettivament kien fl-appartament.

Għaldaqstnat, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tillilberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------